MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 697/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Malta Yacht Manufacturing Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef sitt mija u disa' u tmenin Lira Maltin u hames centezmi, (LM3,689.05,0), rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21233671, 21453246, 21668994, 21668995 u 21660618 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A.) u**

**dana kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok. B, C, D, E, u F;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra uffuccjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex  is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’  Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta’ Frar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici  bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------